*Il-Qorti tqis li dan huwa każ tipiku fejn persuna żvestiet ruħha minn kapital jew assi oħra tagħha sabiex tkun tista' tibbenefika minn benefiċċji soċjali li ma kellhiex dritt għalihom*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 14/2023 LM

**Crocefissa Grima (K.I. nru. 670552M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali,** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fil-25 ta' April, 2023, li permezz tagħha l-Arbitru laqa' l-appell tar-rikorrenti **Crocefissa**

**Grima** [hawnhekk 'l-appellata'] u rrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tat-13 ta' April, 2022.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti kienet tirċievi l-Pensjoni tal-Età. Fit-13 ta' April, 2022 id-Direttur Ġenerali intimat iddeċieda li r-rikorrenti kienet tħallset żejjed l-ammont ta' €7,986.04 f'Pensjoni tal-Età għall-perijodu bejn il-11 t'Awwissu, 2007 u l-10 ta' April, 2009, wara li ġie stabbilit li hija kienet tat donazzjoni irrevokabbli ta' arja fil-Mosta, permezz ta' kuntratt ippubblikat fid-9 t'Awwissu, 2007, favur Emanuel Grima, Joseph Grima, Maria Grima u James Grima, li jiġu ulied ir-rikorrenti. Il-valur tal-arja in kwistjoni f'dan it-trasferiment ġie ddikjarat li huwa ta' €46,587.46, u kien għalhekk li d-Direttur Ġenerali intimat iddeċieda li r-rikorrenti kienet tħallset Pensjoni tal-Età żejda. Fir-rikors tal-appell ippreżentat minnha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti qalet li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat hija żbaljata kemm fattwalment kif ukoll legalment, u dan għaliex l-arja in kwistjoni ma kinitx proprjetà tagħha iżda ta' żewġha, u għalhekk hija qatt ma setgħet tiddisponi minn tali arja. Ir-rikorrenti spjegat li hija dehret fuq l-att ta' donazzjoni għaliex hi u d-donatur l-ieħor fuq il-kuntratt Nazzareno Grima kienu miżżewġin, iżda li fil-verità hija qatt ma bbenefikat minn din l-arja li kienet tifforma parti mill-patrimonju parafernali ta' żewġha.

## Id-Deċiżjoni Appellata

3. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' April, 2023, l-Arbtiru ddeċieda li r-rikorrenti kienet dehret fuq il-kuntratt in kwistjoni mingħajr ma kellha

għalfejn, u konsegwentement laqa' l-appell tagħha, filwaqt li ħassar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat, u dan wara li għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Jikkonsidra li d-Dipartiment għoġbu jinċita* [sic!] *d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mentri l-appellanti baqgħet issostni li l-proprjetà in kwistjoni ma kinitx tappartjeni lilha, iżda parafernali tar-raġel;*
>
> *L-Arbitru jinnota li s-sentenza ċitata mid-Dipartiment tikkonċerna 'depożiti bankarji tal-membri kollha tal-familja';*
>
> *Illi fil-każ odjern il-mertu tal-appell jikkonċerna proprjetajiet li ntirtu mir-raġel tal-appellanti u sussegwentement ġew mogħtija mir-raġel tal-appellanti lit-tfal tal-appellanti;*
>
> *Illi sfortunatament minħabba nuqqasijiet mhux magħrufa lill-appellanti, l-appellanti dehret fuq il-kuntratt tad-donazzjoni mentri ma kellhiex għalfejn tidher. Mhux talli hekk iżda assumiet obbligi li hi ma kellhiex tassumi;*
>
> *L-Arbitru hu tal-opinjoni illi d-donazzjoni in kwistjoni saret unikament mill-proprjetarju ta' dawk il-proprjetajiet u ċioe mir-raġel tal-appellanti;*
>
> *Illi għalhekk l-Arbitru qed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tad-Dipartiment."*

## **<u>L-Appell</u>**

4. Id-Direttur Ġenerali intimat ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-2 ta' Ġunju, 2023, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-25 ta' April, 2023 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant qal li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-provi miġjuba quddiemu, u l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. L-appellant spjega li l-appellata ħadet il-pożizzjoni li l-arja mogħtija b'titolu ta' donazzjoni kienet proprjetà parafernali tar-raġel tagħha Nazzareno Grima, u li din l-arja qatt ma kienet tappartjeni lilha. L-appellant qal li l-Arbitru straħ fuq din it-teżi tal-appellata, minkejja li ma nġabitx prova suffiċjenti li l-arja donata kienet l-istess proprjetà li wiret ir-raġel tagħha, u għalhekk ma nġabet l-ebda prova li dak li ġie donat kien proprjetà parafernali tar-raġel tal-appellata. Qal li fuq il-kuntratt ta' diviżjoni tat-2 ta' Mejju, 1998, Nazzareno Grima kien ġie assenjat il-plot numru 4, iżda dak li kien ġie mogħti bl-att ta' donazzjoni tad-9 t'Awwissu, 2007 kienet l-arja tal-plot numru 3. L-appellant qal li lanqas ġie ppruvat li dak li ġie mogħti b'donazzjoni kien provenjenti minn wirt, u għalhekk l-Arbitru kien żbaljat meta kkonkluda li l-proprjetà in kwistjoni kienet provenjenti minn wirt appartenenti lir-raġel ta' Crocefissa Grima. Qal li anki li kieku l-Qorti kellha tikkonsidra li din l-arja kienet provenjenti minn wirt appartenenti lir-raġel tal-appellata, xorta waħda jirriżulta skont il-Kap. 318 u l-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-valur tad-donazzjoni kellu jittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk fil-perijodu in kwistjoni l-appellata kinitx intitolata għal Pensjoni tal-Età, u għalhekk jekk l-appellata kinitx ċaħħdet lilha nnifisha minn kapital tagħha sabiex setgħet tibqa' tirċievi l-Pensjoni tal-Età.

6. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant qal li l-Arbitru naqas li japplika l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kap. 16. Spjega li l-Pensjoni tal-Età hija regolata bl-artikolu 66 tal-Kap. 318 li jistabbilixxi numru ta' rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti huwa li l-mezzi tal-persuna fil-ġimgħa, kalkolati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda, ma jkunux iżjed mill-ogħla rata

ta' Pensjoni tal-Età fil-każ ta' koppja miżżewġa. L-appellant qal li skont l-ewwel paragrafu tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, għall-finijiet tal-mezzi għandhom jitqiesu kull proprjetà, inkluża kull proprjetà mqiegħda fi *trust,* dħul jew privileġġ, u meta l-limiti indikati jinqabżu, il-persuna li tkun qiegħda titlob li tingħata l-Pensjoni tal-Età titqies li ma tkunx intitolata għal dik il-pensjoni. L-appellant qal li l-emendi leġislattivi li saru għat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda, fejn ġie introdott proviso ieħor għall-ewwel paragrafu tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda ma japplikawx għas-sitwazzjoni odjerna, għaliex id-donazzjoni in kontestazzjoni kienet saret fl-2007. L-appellant għamel riferiment għat-tielet paragrafu tal-istess Taqsima li jgħid li kull proprjetà jew dħul ikkalkolati għall-fini tat-test tal-mezzi għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li l-persuna tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għall-Pensjoni tal-Età, jew biex ikollha jedd għal rata aktar vantaġġuża. L-appellant qal li meta wieħed iqis il-liġi tagħna, għandu jirriżulta li ġew mogħtija b'donazzjoni ħames arjiet minn Nazzareno u Crocefissa Grima, u li dawn kellhom jiġu kkunsidrati għall-fini tal-intitolament għall-Pensjoni tal-Età. Qal li ma tressqet l-ebda prova li r-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti ma kienx japplika f'dan il-każ, tant hu hekk li l-appellata dehret fuq l-att ta' donazzjoni u fl-appell tagħha qalet li dan sar minħabba li d-donazzjoni saret fiż-żwieġ. Qal li f'dan il-każ ma nġabet l-ebda prova sufficjenti li din kienet proprjetà parafernali, tant hu hekk li fuq il-kuntratt ta' diviżjoni tat-2 ta' Mejju, 1998, Nazzareno Grima kien ġie assenjat il-plot numru 4, filwaqt li dak trasferit permezz tal-att ta' donazzjoni tad-9 ta' Awwisu, 2007, kienet l-arja tal-plot numru 3. L-appellant qal illi anki li kieku l-Arbitru qies li l-arja mogħtija b'donazzjoni kienet provenjenti minn wirt u għalhekk parti mill-patrimonju

parafernali tar-raġel tal-appellata, xorta waħda jirriżulta li l-valur ta' din id-donazzjoni kellha tittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk fil-perijodu in kwistjoni l-appellata kinitx intitolata għall-Pensjoni tal-Età u dan għaliex il-leġislatur fir-raba' paragrafu tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda għamilha ċara li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-proprjetà (għajr għad-dar ta' residenza) tal-koppja jew id-dħul li jkun qiegħed jiġi riċevut minn kull wieħed jew waħda mill-koppja.

7. L-appellant spjega illi l-artikolu 1320 tal-Kap. 16 jipprovdi li fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu l-frottijiet tal-beni tal-parti miżżewġa, anki jekk dawn ikunu missew lil xi parti minnhom b'wirt, donazzjoni jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kundizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti. L-appellant qal li anki jekk l-arjiet in kwistjoni kienu provenjenti minn wirt, il-frott ta' dawn il-beni għandu jitqies li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk ladarba dawn l-arjiet ġew trasferiti b'donazzjoni u mhux mibjugħa, għandu jiġi stabbilit li l-appellata kienet ċaħħdet lilha nnifisha minn kapital sabiex setgħet tirċievi l-Pensjoni tal-Età. Qal li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu għamel distinzjoni bejn meta persuna tkun wirtet flus u meta persuna tkun wirtet proprjetà immobbli, iżda tali distinzjoni mhijiex rilevanti għaliex it-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta tipprovdi li l-assi tal-koppja jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini tal-intitolament għall-Pensjoni tal-Età. Qal li f'dan il-każ kull waħda mill-artijiet li ġew mogħtija b'donazzjoni, ingħatat valur ta' LM5,000 u għalhekk huwa ċar li l-appellata ma kinitx intitolata għall-Pensjoni tal-Età fil-perijodu li fih qiegħda tintalab li tagħti r-rifużjoni, u kien għalhekk li

ttieħdet id-deċiżjoni li hija għandha tirrifondi l-flus li rċeviet għall-perijodu bejn il-11 t'Awwissu, 2007 u l-10 ta' April, 2009. L-appellant qal li huwa anki ppreżenta l-konteġġi quddiem l-Arbitru dwar kif wasal għall-ammont li l-appellata għandha tirrifondi lura. L-appellant qal li l-Arbitru kellu l-obbligu li jħares il-liġi u japplikaha bl-istess mod f'kull każ li jkollu quddiemu, u fil-każ odjern għandu jirriżulta li sabiex l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu dan għamel apprezzament ħażin tal-provi u ma applikax il-liġi kif kien mistenni minnu.

8. L-appellata ma ppreżentat l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mid-Direttur Ġenerali appellant, li jikkontendi li l-Arbitru kien żbaljat kemm fattwalment kif ukoll legalment fid-deċiżjoni li ta. L-appellant jgħid li ma nġabitx prova suffiċjenti li l-arja li ngħatat lil ulied l-appellata kienet proprjetà parafernali tar-raġel tal-appellata, u jkompli jgħid li anki jekk jirriżulta li dan huwa l-każ, tali beni kellhom jiġu kkonsidrati sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellata kinitx intitolata għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja).

10. L-appellata ppreżentat kopja tal-kuntratt ta' diviżjoni tat-2 ta' Mejju, 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, in sostenn tal-pożizzjoni tagħha li l-arja li ngħatat b'titolu ta' donazzjoni lil uliedha, kienet provenjenti minn wirt favur ir-raġel tagħha Nazzareno. Madanakollu l-Qorti tqis li l-Arbitru ma kienx korrett

meta stqarr li huwa kien sodisfatt li l-appellata ma kellhiex għalfejn tidher fuq dan l-att ta' donazzjoni, jew li din assumiet obbligi li ma kellhiex tassumi. Dan għaliex filwaqt li fil-kuntratt ta' diviżjoni tat-2 ta' Mejju, 1998 ġie indikat li l-art li messet lil Nazzareno Grima kienet il-plot numru 4 tal-kejl ta' madwar 213.88 metri kwadri, b'faċċata fuq Triq Durumblat, il-Mosta, fl-att ta' donazzjoni favur ulied il-koppja Grima, ġie ddikjarat li l-arja assenjata kienet dik fuq il-plot numru 3 b'faċċata fuq Triq Durumblat. L-arja li ġiet mogħtija b'donazzjoni lil ulied l-appellata għalhekk bl-ebda mod ma tista' titqies li hija l-istess art jew arja li misset lir-raġel tagħha b'titolu ta' diviżjoni. Għaldaqstant għandu jirriżulta li l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li l-proprjetà li ngħatat b'titolu ta' donazzjoni lil ulied l-appellat kienet l-istess proprjetà li r-raġel tal-appellata akkwista b'titolu ta' diviżjoni u li din l-art jew l-arja ta' fuqha hija provenjenti wirt tal-familja tar-raġel tagħha. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa ġustifikat, u sejra tilqgħu għaliex l-Arbitru ma kienx fattwalment korrett fl-evalwazzjoni tal-provi li għamel.

11. L-appellant jgħid ukoll li huwa ħassu aggravat għaliex l-Arbitru, wara li kkonkluda li l-arja li ġiet trasferita favur ulied l-appellata kienet tifforma parti mill-patrimonju parafernali tar-raġel tal-appellata, ikkonkluda li għalhekk ma kellu jieħu l-ebda konsiderazzjoni tal-valur ta' din il-proprjetà sabiex jistabbilixxi jekk l-appellata kinitx intitolata għall-benefiċċju li rċeviet mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-artikolu 66 tal-Kap. 318 jipprovdi li sabiex persuna tkun intitolata għall-Pensjoni tal-Età, din trid tissodisfa għadd ta' rekwiżiti, fosthom li l-mezzi fil-ġimgħa ma jkunux iżjed mill-ogħla rata tal-Pensjoni tal-Età. Il-Qorti tqis li ma nġabet l-ebda prova li l-arja li l-appellata u

żewġha ttrasferew favur uliedhom, fil-fatt kienet proprjetà parafernali tar-raġel tagħha, u għalhekk kien żbaljat l-Arbitru meta kkonkluda li l-proprjetà mogħtija b'dan l-att ta' donazzjoni ma kelliex tiġi kkunsidrata sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellata kinitx intitolata għall-benefiċċju li talbet jew le. Il-Qorti tqis li dan huwa każ tipiku fejn persuna żvestiet ruħha minn kapital jew assi oħra tagħha sabiex tkun tista' tibbenefika minn benefiċċji soċjali li ma kellhiex dritt għalihom, u għalhekk kien korrett l-appellant li talab li l-appellata tirrifondi l-Pensjoni żejda li rċeviet għall-perijodu bejn il-11 t'Awwissu, 2007 u l-10 ta' April, 2009. Jirriżulta li l-appellata u żewġha taw b'titolu ta' donazzjoni numru ta' arjiet li ħarġu minn *plot* li kienet proprjetà tagħhom, tant hu hekk li kienu ż-żewġ konjugi Grima li dehru fuq l-att ta' donazzjoni li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti għalhekk qiegħda taqbel mal-pożizzjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li l-appellata żvestiet ruħha minn kapital tagħha sabiex tkun tista' tibbenefika mill-benefiċċju li applikat għalih. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellata qajla ħadet interess fil-proċeduri mibdija kontra tagħha, tant hu hekk ma ġabitx provi suffiċjenti in sostenn tal-pretensjoni tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu, tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant li l-appellata għandha tirrifondi l-benefiċċji li tħallsu lilha għall-perijodu bejn il-11**

**t'Awwissu, 2007 u l-10 ta' April, 2009, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**